# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' April, 2017**

**Talba Nru: 564/2016PM1**

**Gabriel Zammit**
**(ID Nru. 539685(M)) ezercenti l-kummerc bhala Jade Sofas**

**Vs**

**Melita p.l.c. u b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2017 l-isem Melita p.l.c. gie sostitwit bl-isem Melita Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2016 illi l-s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur danni li ma jeccedux is-somma ta' hamest elef euro (€5000) sofferti mill-attur unikament tort tas-socjeta` konvenuta rapprezentanti telf ta' qliegh min-negozju tal-attur wara li l-istes konvenuta hassret in-numru tat-telefon fiss 21410802 kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez.

Ra r-risposta datata 9 ta' Dicembru, 2016 permezz ta' liema s-socjeta` intimate cahdet it-talba tal-attur u talbet li din ma tigix accettata, bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Gabriel Zammit (fol. 10 tal-process) moghtija fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 u ra d-dokumenti minnu ezebiti.

Ra d-dikjarazzjoni ta' Dr. Joseph Sammut (a fol. 22 tal-process) u l-affidavit tal-istess Dr. Joseph Sammut (fol. 28 et. seq. tal-process).

Sema' l-kontinwazzjoni tax-xhieda ta' Gabriel Zammit (fol. 24 tal-process) moghtija fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2017 u d-dokumenti ezebiti u fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017 (fol. 36 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Max Stivala moghtija fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017 (fol. 30 tal-process).

Ra d-dokumenti ezebiti a fol. 41 sa 51 tal-process koncernanti 'call logs' ghal-linja fissa tal-attur.

Ra l-affifavit ta' Dr. Joseph Sammut (fol. 56 tal-process) u d-dokumenti ezebiti a fol. 57 u 58.

Ra d-decizjoni mahruga mill-Awtorita` ta' Malta ghall-Komunikazzjoni (fol. 59 et seq. tal-process), u d-dokumenti ezebiti a fol. 67 sa 76 tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Gabriel Zammit, Mark Stivala u Mirray Muscat moghtija fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017.

Sema' x-xhieda in kontro-ezami ta' Gabriel Zammit waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu, 2016.

Ra l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur jilmenta li s-socjeta` intimata rrekatlu danni konsistenti minn telf ta' qliegh ghan-negozju tieghu "*wara li l-istess konvenuta hassret in-numru tat-telefon fiss 21410802*" referibbli ghall-istess negozju tieghu.

Illi f'dan ir-rigward huwa inkontestat bejn il-partijiet illi l-attur kien klijent tas-socjeta' intimata fir-rigward tas-servizz telefoniku referibbli ghan-numru surreferit. L-attur jikkontendi illi, tramite klijenti regolari tieghu li kkuntattjawh permezz tan-numru tat-telefon cellular tieghu, huwa skopra li f'Awwissu tas-sena 2016 is-socjeta' intimata kienet qatghet is-servizz u li, b'konsegwenza ta' dan, huwa soffra danni konsistenti minn telf ta' 'turnover' kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' Dr Joseph Sammut (a fol. 22 tal-process). It-Tribunal madanakollu jinnota verzjoni kemmxejn differenti moghtija mill-istess attur permezz tad-dikjarazzjoni tieghu (fol. 21 tal-process) minn fejn jirrizulta li l-attur intebah li s-servizz kien gie maqtugh fil-kuntest ta' process li kellu diga` jwassal sabiex is-servizz tat-telefon tieghu jghaddi minghand is-socjeta` intimata ghal socjeta` ohra.

Illi madanakollu huwa car li dan it-Tribunal irid tabilfors jindaga dwar in-natura kuntrattwali tar-relazzjoni bejn il-partijiet u jekk is-socjeta' intimata kenitx gustifikata fit-terminazzjoni taghha tas-servizz.

Illi a propozitu, jinghad fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 illi: "*l-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet,* ***<u>jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi</u>*"** (enfazi mizjuda).

Illi f'dan il-kaz jirrizulta car li s-socjeta` intimata agixxiet in linea ma' dak deciz mill-istess awtorita` regolatrici senjatament tramite id-decizjoni 4.1 li tirregola '*Undertakings*

*terminating a package/s and undertakings terminating a specific service/s and/or ceasing operations*' u liema decizjoni:

(i) Tawtorizza t-terminazzjoni tas-servizz billi jinghata pre-avviz lill-konsumatur ta' almenu tletin jum (l-ittra f'dan il-kaz intbaghtet lil attur fl-indirizz tieghu fit-30 ta' Gunju, 2016 - fol. 68 tal-process) u

(ii) Tipprovdi li tali pre-avviz ghandu jsegwi d-dettami tal-istess decizjoni, inkluz li jigi notifikat lill-istess awtorita` regolatrici.

Illi fir-rigward ta' modifiki fil-kuntratt ta' servizz id-decizjoni 2.1 espressament tipprovdi li qabel kwalunkwe notifika bil-fomm ta' tali modifika, in-notifika ghandha ssir bil-miktub permezz ta' posta ordinarja jew permezz ta' 'email' jekk il-konsumatur ikun hekk ta l-kunsens tieghu.

It-Tribunal jinnota li, lilhinn mis-surreferit, ebda wahda mill-partijiet ma ressqet kopja tal-kuntratt ta' servizz sottoskritt mill-attur kif wiehed kien jistenna li jsir. L-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" F'dan ir-rigward, tenut kont tal-fatt li l-attur jinsab jilmenta inadempjenza kuntrattwali, kien jispetta lilu li jressaq din il-prova u kwindi juri li s-socjeta' intimata agixxiet bi ksur ta' dak espressament pattwit kemm fir-rigward tat-terminazzjoni tas-servizz u kif ukoll, jekk ikun il-kaz, fir-rigward tal-modalita` li bih gie itterminat is-servizz.

Illi tenut kont tas-surreferit it-Tribunal ikollu tabilfors isib illi s-socjeta' intimata agixxiet in linea ma' dak mehtieg mill-awtorita' regolatrici taghha billi harget in-notifika b'posta regolari liema avviz jinsab regolarment ezebit a fol. 68 tal-process. It-Tribunal isib ukoll li, ghalkemm id-decizjoni 2.1 tirreferi ghal modifiki f'kuntratt ta' servizz certament li l-istess huwa applikabbli ukoll fir-rigward tat-terminazzjoni tas-servizz fin-nuqqas ta' prova xort'ohra.

Illi kwindi id-decizjonijiet 2.1 u 4.1 ghandhom jinqraw flimkien bhala li jhallu lis-socjeta' intimata tittermina il-kuntratt ta' servizz permezz ta' pre-avviz b'posta semplici

tletin jum qabel l-ezekuzzjoni tal-istess terminazzjoni. Certament illi xejn fil-ligi ma tehtieg illi notifika ta' terminazzjoni ta' servizz (purke' permessa mil-ligi) issir tabilfors permezz ta' posta registrata jew kwalunkwe modalita` ohra li ma tkunx dik ta' posta semplici. Kwindi,

1. tenut kont tal-fatt li s-socjeta` intimata itterminat is-servizz lill-attur ghal raguni maghrufa mil-ligi ai fini tal-art. 992(2) tal-Kodici Civili u
2. ma tressqet ebda prova li b'xi mod tehtieg illi n-notifika ta' tali terminazzjoni issir b'xi modalita` partikulari jew li b'xi mod tikkontradici dak li jinsab espressament deciz mid-decizjoni 2.1 fejn huwa sufficjenti li notifiki ta' tibdil f'kuntratti isiru b'posta normali u
3. jirrizulta li l-avviz inhareg regolarment fl-indirizz tal-attur u entro t-termini previsti mid-decizjoni 4.1

   it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li, f'dan il-kaz, isib illi l-attur ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu u jghaddi sabiex jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata u jichad it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata, jichad it-talba attrici bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess attur.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**